MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 395/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Bernard C. Spiteri)**
**Vs**
**Anton B. Dougall**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bi ksur ta' l-artikolu 43(1)(c) ta' l-Att ta' 1999 dwar servizzi ta' l-ivvjaggar u tat-turizmu ghal Malta, Kapitolu 409, wara li fid-9 t'April, 2009 kien gie notifikat b'avviz ta' infurzar biex twaqqaf il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja (H/0390) u jirregolarizza l-posizzjoni tieghu f'Giorgianis Hotel, il-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, fil-15 t'April, 2009 u l-granet ta' qabel naqas milli jhares xi wahda mill-htigijiet ta' dan l-avviz peress li akkomoda turisti f'din il-lukanda qabel ma gie konformi mal-kundizzjonijiet tal-licenzja w qabel ma rregolarizza l-posizzjoni tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 41(1) u 43(1)(2) tal-Kap. 409 sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w ikkundannatu tlett elef Ewro (€3000).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tghaddi sabiex tillibera lill-appellant mill-akkuza kif dedotta w minn kull htija w piena jew, fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata billi timponi piena aktar ekwa w gusta fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-akkuza kif dedotta kontra l-appellant hija msejjsa fuq artikolu 43 (1)(c) tal-Kapitolu 409 li jikkontempla reat f’kaz li xi hadd “wara li jkun gie notifikat b’avviz ta’ infurzar jew avviz iehor taht l-artikolu 41, jonqos milli jhares xi wahda mill-htigijiet ta’ dak l-avviz fiz-zmien specifikat fih jew minnufih, skond il-kaz”;

Minn dan id-dispost johrog car illi l-prosekuzzjoni kien jehtigilha tressaq zewg provi kardinali – li fin-nuqqas taghhom certament illi ma tkunx tista’ tinstab htija fl-appellant – u cioe’ prova ta’ l-avviz ta’ infurzar u prova tan-notifika ta’ dan l-avviz favur l-appellant. F’dan il-kaz l-appellant huwa ta’ l-umli fehma illi l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova sufficjenti, quddiem l-Ewwel Qorti, ta’ l-avviz ta’ infurzar relattiv.

2. Illi l-Ewwel Qorti interpretat b’mod skorret kemm l-avviz ta’ infurzar de quo u kif ukoll artikoli 41(1) tal-Kapitolu 409;

3. Illi fis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti, inghad illi l-appellant “kemm il-darba ma qabilx ma’ l-ordni de quo kellu rimedji legali x’juza li pero ghazel li ma jittraprendix. Illi ghalhekk l-imputat baqa’ fi stat ta’ illegalita’”;

4. Illi l-provi kollha li tressqu mill-prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti kienu intizi sabiex juru l-istat taz-zona originali tar-reception – ossija ta' dik iz-zona li fiha kienu qeghdin isiru x-xogholijiet ta' refurbishment mill-appellant – li kienet kompletament inaccessibbli ghat-turisti li kienu residenti gewwa l-lukanda de quo;
5. Illi l-piena nflitta mil-Ewwel Qorti in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kienet wahda eccessiva;

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa l-propretarju tal-lukanda Giorgianis Hotel fil-bajja ta' San Gorg, San Giljan.

F'April 2009 kienu qeghdin isiru xogholijiet estensivi ta' rinovazzjoni fil-fond. Fl-istess zmien il-lukanda kienet qed tircievi l-klienti.

Fid-9 t'April 2009 saret spezzjoni minn Anthony Cutajar u Joseph Dalmas bhala spetturi tal-MTA u rrapurtaw illi "reception area" kien fi stat dizastruz minhabba kostruzzjoni u xogholijiet ohra li kien ghaddejin.

Dak il-hin kien hemm erbatax-il klient u dawn, biex jaccedu u johorgu mill-lukanda kellhom jghaddu fuq l-imbarazz u bejn l-iscafolding tax-xogholijiet.

Ghall-ewwel l-appellant qal illi x-xogholijiet kellhom ikunu lesti fil-"week-end" izda dan ma kienx il-kaz u ghalhekk l-ispetturi ordnaw illi l-klienti johorgu mill-lukanda sakemm jitlestu x-xogholijiet.

Jidher illi l-ispetturi marru diversi drabi fil-fond. Marru fis-17 ta' Marzu 2009 u raw ix-xogholijiet ghaddejjin. Marru fit-2 t'April fis-1.30 pm u ukoll raw ix-xogholijiet ghaddejjin u kien fid-9 t'April illi ddeciedew illi johrogu il-"breech of enforcement notice".

L-ispetturi dejjem dahlu mill-entratura principali tal-lukanda. Fuq in-naha ta' wara kien hemm "fire door" illi seta' jkun ta' access, pero' dan jinfetah minn naha ta' gewwa biss.

Waqt illi kienu qed isiru x-xogholijiet kien hemm “reception room” temporanju fl-ewwel sular u setghu jaraw it-turisti u klienti dehlin fil-lukanda mill-bieb principali fejn kienu qed isiru x-xogholijiet.

L-iskop tal-“enforcement notice” ma kienx li jitwaqqaf ix-xogholijiet u li jghalqu l-lukanda izda sabiex jiprotegew il-klienti waqt li kienet qed issir din il-hidma.

Fis-15 ta’ Mejju l-ispetturi gew infurmati illi x-xogholijiet tlestew u l-“enforcement notice” giet irtirata.

Minn naha l-ohra, l-appellant qal illi riedu jaghmlu xogholijiet estensivi fir-“reception area” u kkalkulaw li se jiehdu ghaxart ijiem. F’dawn il-granet il-bieb ta’ wara kellu jservi ta’ access ghall-lukanda w kien hemm “security” erba’ w ghoxrin siegha. Ir-“reception” gie trasferiet f’kamra fuq, inqala’ t-tarag u l-klienti ma setghux jghaddu minn hemm. Kien hemm “lift” sa l-ewwel livell. Ir-“reception area” gie isolat sakemm isiru x-xogholijiet. Mhuiex minnu illi l-ispetturi qalulu biex jghalaq il-lukanda jew johrog in-nies u ma rahx turisti diehlin fir-“reception area”. Il-klienti kellhom access ghar-“reception area” minn naha ta’ wara.

L-istess qal Peter Scicluna li jahdem fil-lukanda, semma illi kien hemm entratura temporanja bis-“security” fuq in-naha ta’ wara w “reception area” fl-ewwel sular. Inghataw parir sabiex isir “partition” quddiem il-lift, liema “partition” sar.

Il-klienti li kellhom fil-lukanda qatt ma llmentaw maghhom ghal xi inkonvenjent.

Minn barra x-xhieda tal-ispetturi gew esebiti d-dokumenti relattivi kif ukoll ritratti illi juri l-istat varju tax-xogholijiet illi kien ghaddej fil-lukanda, liema ritratti juri inkonvenjent kbir ghal min ikun irid jaccedi l-lukanda mill-bieb principali, kif ukoll tarag jaghti ghall-ewwel sular. Jidher ukoll il-“fire door” fuq in-naha ta’ wara, b’manku fuq in-naha ta’ gewwa

sabiex ikun jista’ jinfetah. Wara l-“fire door” hemm tarag illi jaghti ghas-sulari ta’ fuq.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti hija sodisfatta illi fiz-zmien indikat kien hemm kostruzzjoni ghaddej fil-lukanda Giorgianis, liema kostruzzjoni kien ta’ detriment ghat-turisti jew klienti illi kien hemm fil-lukanda.

L-appellant ilmenta minn nuqqas ta’ informazzjoni dettaljata dwar l-“stop notice” ghax kellha xi data nieqsa. B’daqshekk il-Qorti tirrileva ma jfissirx illi l-legalita’ tal-“legal notice” giet affettwata. L-appellant kien jaf in-“notice” ghal xhix qed tirreferi, gie validament notifikat biha w ghalhekk kellu l-obbligu illi jobdi dik l-ordni u ma jkomplix jaccetta n-nies sakemm ix-xogholijiet ikunu ghadhom ghaddejjin.

Nonostante din l-ordni, t-turisti thallew u nzammu fil-lukanda.

Fil-waqt illi l-Qorti tifhem illi ma kienx hemm ordni illi l-lukanda tinghalaq, pero hija sodisfatta illi nghatat ordni sabiex il-klienti jigu mahruga sakemm isiru x-xogholijiet u dan ma sarx. Ghalhekk il-Qorti thoss illi l-appellant kien fil-ksur tal-ligi ai termini tal-artikoli 43(1)(2) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta’ Malta w l-Ewwel Qorti kellha ragun sabiex issib htija.

L-appellant ilmenta mill-multa illi giet inflitta peress illi deherlu li din il-multa ta’ tlett elef Euro kienet eccessiva.

Il-Qorti tirrileva illi ghal dan ir-reat il-parametri tal-piena huma bejn €1164.69 u €11,646,87 (Art. 43(2) Kap. 409), f’liema kaz allura qeghda f’dawn il-parametri.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenza tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti

jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha **(Il-Pul. Vs Carmelo Schembri 28.04.1995)**.

Din il-Qorti ghamlet dak l-apprezzament u wasslet ghall-konkluzjoni illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz li tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------